MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Numru 17/2006

**Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Nazarene MUSCAT**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell imressaq minn Nazarene Muscat dwar il-piena li ngħatatlu b'sentenza tal-Qorti Kriminali fit-3 ta'

April, 2008, wara li ammetta l-akkużi miġjubin kontrih (u ħaddieħor) f'Att ta' Akkuża maħruġ fil-21 ta' Lulju, 2006;

**2.** B'dak l-Att tal-Akkuża, Muscat kien akkużat: (a) fl-Ewwel Kap, b'assoċjazzjoni ma' persuni oħrajn f'Malta u barra minn Malta biex jimportaw, ibiegħu jew jittraffikaw mediċina jew droga oħra f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew li flimkien ma' dawk il-persuni, ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja tali assoċjazzjoni; (b) fit-Tieni Kap, b'pussess tad-droga (raża tal-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dik ir-raża) bla ma kien fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni maħruġa mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern, jew ta' liċenza jew awtoriżżazzjoni mod ieħor, bi ksur tal-liġi u taħt ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu; (ċ) fit-Tielet Kap, bi ħsara volontarja u bi tbagħbis f'*meter* tal-kurrent elettriku b'mod li ikkaġuna telf ta' kurrent elettriku; u (d) fir-Raba' Kap, bil-pussess illegali ta' arma tan-nar u ta' munizzjon;

**3.** B'sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju, 2007, il-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet magħmulin fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet Preliminari ta' Nazarene Muscat tas-16 ta' Awwissu, 2006, iżda ordnat li jsiru xi bidliet fl-Att tal-Akkuża (liema bidliet m'humiex rilevanti għall-finijiet ta' dan l-appell). Għalkemm Muscat ressaq Nota għall-finijiet tal-artikolu 499(3) tal-Kodiċi Kriminali biex javża li kien fi ħsiebu jappella minn dik is-sentenza, l-appell baqa' ma tressaqx saż-żmien mogħti mil-liġi;

**4.** B'degriet tal-21 ta' Novembru, 2007, il-ġuri fil-każ ta' Muscat (u ieħor) ġie appuntat għat-Tnejn, 3 ta' Marzu, 2008, liema data, b'degriet tal-15 ta' Frar, 2008, ntefgħet lura għall-1 ta' April, 2008, wara talba li saret b'rikors imressaq mill-avukati difensuri minħabba li kienu involuti fil-kampanja elettorali;

**5.** B'rikors imressaq quddiem il-Qorti Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2008, mill-Avukat Ġenerali u mill-akkużat Muscat flimkien għall-finijiet tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, dik il-Qorti ntalbet taċċetta li, f'każ li Muscat

jammetti l-akkużi mressqin kontrih, il-piena li tingħata kellha tkun ta’ tmien (8) snin ħabs u multa ta’ għoxrin elf euro (€ 20,000), minbarra s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassativi għad-dikjarazzjoni ta’ sejbien ta’ ħtija skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, magħduda l-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u proprjeta’ mobbli jew immobbli tal-akkużat;

**6.** Il-Qorti Kriminali ċaħdet dik it-talba b’degriet li tat fl-1 ta’ April, 2008, jiġifieri dak inhar li ssejjaħ il-ġuri. Dik il-Qorti immotivat ir-raġunijiet tagħha b’dan il-mod: “*Rat ir-Rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Nazzarene Muscat tas-27 ta’ Marzu, 2008; Peress li wara li eżaminat bir-reqqa l-atti kollha proċesswali din il-Qorti f’dan l-istadju mhux sodisfatta li s-sanzjoni jew il-miżura, jew il-kumbinazzjoni tas-sanzjonijiet u/jew miżuri mitluba huma tali li jkun leġittimu għaliha li timponi mas-sejbien ta’ ħtija għar-reati li dwarhom Nazzarene Muscat jinsab akkużat; Wara li rat l-artikolu 453A(2) tal-Kodiċi Kriminali, f’dan l-istadju tiċħad it-talba*”;

**7.** Aktar tard dak inhar stess, wara li s-smigħ kien pospost għal xi ħin u wara li l-akkużat Muscat (u l-akkużat l-ieħor) eżentaw lill-Qorti mill-qari tal-Att tal-Akkuża, l-akkużat Muscat wieġeb li hu ħati tal-akkużi mressqin kontrih. Din id-deċiżjoni tenniha wara li l-ġuri reġa’ ssejjaħ aktar tard. Minħabba f’din l-ammissjoni, il-prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju bejn l-akkużat Muscat u l-akkużat l-ieħor, u l-Qorti Kriminali laqgħet it-talba, u, filwaqt li ordnat li l-ġuri jissokta dwar il-persuna l-oħra, semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u ħalliet il-kawża għas-sentenza għat-3 ta’ April, 2008;

**8.** Fit-3 ta’ April, 2008, il-Qorti Kriminali tat is-sentenza tagħha billi filwaqt li sabet lil Nazarene Muscat ħati tal-akkużi magħmulin kontrih, ikkundannatu għall-piena komplessiva ta’ għaxar (10) snin u sitt (6) xhur priġunerija, li minnhom ried jinqata’ kull żmien li huwa kien qatta’ taħt arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li tagħhom instab ħati, u ikkundannatu wkoll li jħallas multa ta’ ħamsa u għoxrin elf euro (€ 25,000), liema multa tinbidel fi tmintax-il (18) xahar priġunerija f’kaz ta’ nuqqas ta’

pagament skond il-ligi. Muscat kien ordnat ukoll li jħallas elf tmien mija u wieħed u disgħin euro u sbatax-il ċenteżmi (€ 1,891.17) import ta’ nofs l-ispejjeż peritali li l-eżitu tagħhom kien jirrigwarda kemm lilu u kif ukoll lill-persuna l-oħra akkużata miegħu u l-ispejjeż peritali li l-eżitu tagħhom kien jirrigwarda biss lil Muscat, u li f’każ li l-imsemmija somma ma titħallasx fi żmien ħmistax-il (15) jum minn dak inhar, tinbidel f’terminu ta’ priġunerjia skond il-liġi. B’dik is-sentenza, il-Qorti Kriminali ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli jew immobbli oħra tal-ħati. Ordnat il-qerda tad-droga esebita a kura tad-Deputat Reġistratur bl-assistenza tal-Ispiżjar Mario Mifsud, sakemm fi żmien ħmistax-il (15) jum mid-data ta’ dik is-sentenza, l-Avukat Ġenerali ma jinfurmax lill-istess Deputat Reġistratur b’nota bil-ħtieġa li dik id-droga tinżamm għal skop li tintuża f’xi proċeduri oħra kontra terzi;

**9.** Dik il-Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

*“Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w eżaminata mid-difiża.*

*“Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. J. Herrera, li jinsabu kollha reġistrati w senjatament (imma mhux biss) is-segwenti:-*

*“Li l-ħati kellu fedina penali nadifa w ma kellux każijiet oħra pendenti fil-Qrati.*

*“Li l-Qorti kellha tqis preċedenti oħra fejn f’sentenzi reċenti w partikolarment fil-kawżi **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Noaman Emhemmed Ramadan El Arnauti”,**[22.05.2003], **“Ir-Republika ta’ Malta vs. Walter John Cassar”** [29.03.2007] u **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Alex Mallia”** [27.2.2008] ingħatat piena li kienet tirrendi dik miftehma fir-rikors tal-Avukat Generali w tal-Akkużat waħda xierqa fiċ-ċirkostanzi w għalhekk din il-Qorti kellha tiġi gwidata minn dawk il-pieni biex jinżamm proporzjon.*

*“Li għalkemm il-Liġi tagħna ma tagħmilx distinzjoni bejn id-droga cannabis u drogi oħra, huwa fatt li l-cannabis ma tagħmilx ħsara daqs drogi oħrajn.*

*“Li l-probbabilta’ kienet li kieku l-volum tad-droga elevat kien ftit inqas, il-kawża kienet tintbagħat biex tiġi trattata w deċiża quddiem Maġistrat.*

*“Li l-fatt li każ tad-drogi jintbagħat biex jiġi deċiż quddiem il-Qorti Kriminali mhux bil-fors ifisser li l-prosekuzzjoni tkun trid li tingħata piena aktar minn dik li taqa’ taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati imma jista’ jkun li dan isir biex il-proċess jiġi ċelebrat b’aktar solennita’.*

*“Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Aaron Buġeja li aderixxa mas-sottommissjonijiet tad-difiża.*

*“Ikkonsidrat;*

*“Qieset li skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, meta l- Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta’ tal-ħati, l-kondotta ta’ qabel tal-ħati, l-kwantita’ tal-mediċina w x-xorta w l-kwantita’ tat-tagħmir jew materjal, jekk ikun il-każ, involuti fir-reat u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reat, il-piena ta’ priġunerija għall-għomor ma tkunx dik xierqa, f’każijiet bħal dawn il-Qorti tista’ tikkundanna lill-persuna misjuba ħatja għall-priġunerija għal żmien ta’ mhux inqas minn erba’ snin iżda mhux iżjed minn tletin sena w multa ta’ mhux inqas minn elfejn, tlitt mija w disgħa w għoxrin Ewro u sebgħa w tletin ċenteżmu (Eur.2329.37c), ekwivalenti għal elf lira Maltin, iżda mhux iżjed minn mija w sittax-il elf, erba’ mija u tmienja w sittin Ewro u sebgħa w sittin ċenteżmu (Eur.116,468.67c), ekwivalenti għal ħamsin elf lira Maltin.*

*“Qieset ukoll għall-fini tal-piena, li r-reat ta’ assoċjazzjoni taħt l-ewwel kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuża għandu jiġi assorbit fir-reat ta’ pussess, hekk imsejjaħ, ‘aggravat’ taħt it-tieni Kap tal-Att ta’ l-Akkuża billi serva bħala mezz biex seta’ jiġi kommess dan l-aħħar reat u dan a tenur tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali.*

*"Qieset ukoll li f'dan il-każ, pero', apparti r-reati konnessi mad-droga, l-ħati ammetta r-reat ta' danni fil-gumni tad-dawl elettriku, reat li hu punibbli b'massimu ta' sentejn priġunerija, kif ukoll ir-reat ta' pussess illegali ta' arma w munizzjoni punibbli b'massimu ta' tlitt snin priġunerija, u dawn il-pieni jridu jittieħdu in konsiderazzjoni ukoll f'dan il-każ bl-applikazzjoni tal-prinċipji tal-konkors tal-pieni skond l-artikolu 17 (b) tal-Kodiċi Kriminali.*

*"Ikkonsidrat;*

*"Illi l-każijiet ċitati mill-abbli difensur kollha kienu jirrigwardaw ammissjoni qabel ma ġie furmat il-ġuri, kif ġara f' dan il-każ.*

*"Qieset għalhekk il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-ħati jammetti l-ħtijiet tiegħu fi stadju kmieni tal-proċess u b'hekk jiffranka ħafna xogħol u spejjeż inutili għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja; (Ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi",** Qorti Kriminali, [24.2.1997] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa",** Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002]u oħrajn). F'din l-aħħar sentenza ta' Testa, dik il-Qorti kienet irriproduċiet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.):-*

***""Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15***

***Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught <u>red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost</u> (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed <u>that the discount may be lost in any of the following circumstances</u> : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; <u>(ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..”</u>*** *(sottolinear ta' din il-Qorti)*

*“Ikkonsidrat ;*

*“Hu minnu li l-ħati, meta finalment l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ quddiem din il-Qorti, ammetta l-akkużi kollha, imma fiċ-ċirkostanzi meta wieħed iqis “**iter”** tal-proċess ma jistax jintqal li f'dan il-każ kien hemm xi ammissjoni bikrija, li tkun awtomatikament tintitola lill-ħati għal xi riduzzjoni sostanzjali fil-piena. Dan anzi kien każ fejn, fid-dawl tal-ġurisprudenza fuq ċitata, l-ħati **“delayed his plea until the final moment”.** Inoltre dan kien każ fejn hu kien inqabad “**red-handed”** mill-Pulizija fir-rigward tal-akkużi*

*kollha dedotti kontra tiegħu w ftit li xejn seta' jagħmel ħlief jammetti l-ħtijiet tiegħu.*

*"Qieset ukoll il-kondotta tal-ħati kif ukoll iż-żmien li hu laħaq għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn l-akkużi, b'dan li jiġi osservat li mhux korrett l-abbli difensur meta jgħid li l-fedina penali tal-ħati hija waħda nadifa w dan għaliex, apparti xi infrazzjonijiet tal-liġijiet tat-traffiku, hu kien ġja nstab ħati ta' serq aggravat u kien ġie liberat b'kondizzjoni.*

*"Qieset ukoll il-piena li ngħatat minn din il-Qorti f'każijiet analogi reċentement  biex ikun jista' jinżamm ċertu proporzjon u relativita' fil-piena għal dak li jirrigwarda l-gravita' tar-reat in kwantu l-kwantita' w purita' tad-droga, ir-reċidivita' o meno, il-fedina penali, meta jkun hemm ammissjoni bikrija, w b'mod speċjali meta jkun jew ma jkunx applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101, u dana bil-għan li jkun hemm ċerta uniformita' f'sentenzi li jirrigwardaw  din il-marterja.*

*"Illi għalkemm l-abbli difensur iċċita diversi sentenzi ta' din il-Qorti biex javalla il-pożizzjoni tal-ħati dwar il-piena u f'dan għamel emfasi fuq xi każijiet partikolari, ġja fuq imsemmija, din il-Qorti, kif preseduta, fil-waqt li ttenni li kull każ għandu fattispeċji differenti w partikolari, tipprova dejjem tagħmel eżerċizzju minuzzjuz biex tikkalibra l-pieni relattivi f'dawn il-każijiet ta' droga, fejn il-liġi tagħtiha diskrezjoni esaġerata. Dan l-eżerċizzju f'xi każijiet ġie disturbat mill-istess Prosekuzzjoni meta qablet li kellha tingħata piena ferm inqas milli normalment tingħata kif ukoll meta sentenzi tagħha ġew varjati fir-rigward tal-piena biss minn Qorti superjuri. Għalhekk xi eċċezzjonijiet fl-applikazzjoni ta' piena uniformi ma għandhomx jittieħdu bħala r-regola ġenerali.*

*"Fl-aħħar nett tosserva li in linea ġenerali, ftit jagħmel sens li, wara li l-Avukat Ġenerali ikun eżerċita d-diskrezzjoni assoluta tiegħu, fil-bidu tal-kumpilazzjoni, li jiddeċiedi li l-każ jiġi finalment proċessat u deċiż  minn din il-Qorti, għax ovvjament ikun irid li tingħata piena in eċċess għal dik li taqa' fil-kompetenza tal-Qrati tal-*

*Maġistrati, li, wara erba' snin ta' stennija li fihom ikunu nħlew ħafna riżorsi umani, spejjeż żejda, jkun inħela sforz u ħin ta' din il-Qorti biex jingħataw sentenzi fuq eċċezzjonijiet preliminari w anki forsi ħin tal-Qorti tal-Appell Kriminali għall-istess skop, li fl-aħħar mument u lejliet il-ġuri, jippatteġġja fuq piena li wara kollox tkun tirrientra fil-kompetenza tal-Qrati tal-Maġistrati. Dan s'intendi qed jingħad in linea ġenerali għax jistgħu jkun hemm każijiet fejn dan ikun ġustifikat għax ikunu żviluppaw ċirkostanzi fejn tali aġir ikun ġust, ekwu w neċessarju. Dan pero' ma jidhirx li hu wieħed minn dawn il-każijiet."*;

**10.** Nazarene Muscat appella minn din is-sentenza b'rikors li huwa ressaq fit-22 ta' April, 2008, u li fih talab ir-riforma tas-sentenza appellata billi tigi konfermata f'dik il-parti fejn sabitu ħati tar-reati addebitati lilu imma tigi mhassra f'dik il-parti fejn erogat il-piena mogħtija u tibdilha b'piena oħra "iżjed proporzjonata, bilanċjata u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ". Huwa mmotiva l-appell tiegħu billi qanqal tliet (3) aggravji li jistgħu jinġabru f'dan li ġej:

(i) li, fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-piena erogata mill-Qorti Kriminali hija "inspjegabilment" sproporzjonata, eċċessiva u inġusta;

(ii) li, bla preġudizzju għall-ġeneralita` tal-ewwel aggravju, l-Qorti Kriminali malament irrespinġiet it-talba konġuntiva ta' l-Avukat Ġenerali u tal-istess appellant għaliex fil-korp tas-sentenza ma ngħad xejn partikolari li kien jiġġustifika d-differenza fil-piena minn dik mitluba għal dik erogata;

(iii) li l-Qorti Kriminali ma setgħet qatt tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli jew immobbli oħra tiegħu;

**11.** Fl-**ewwel aggravju** tiegħu, l-appellant Muscat iressaq tliet argumenti biex jiġġustifikah. Jibda biex jgħid li l-<u>piena li ngħatatlu hija waħda sproporzjonata</u> meta mqabbla ma'

sentenzi oħrajn li ngħataw mill-Qorti Kriminali f'każijiet li jixbhu lil tiegħu. L-appellant jagħraf li t-tqabbil bejn sentenza u oħra hu eżerċizzju ta' min jistmerru, imma jgħid li meta jkollok każ imsawwar f'ċirkostanzi li huma mera ta' ċirkostanzi f'każ ieħor, meta l-akkużi magħmulin lil persuna jkunu l-istess bħal dawk magħmulin lil persuna oħra, u meta d-droga tkun l-istess (jekk mhux ukoll fi kwantita' anqas minn dik fil-każ l-ieħor), allura jekk f'każ tingħata piena u fil-każ l-ieħor tingħata piena anqas, ma jistax ikun li wieħed ma jħossx li ma jkunx inżamm bilanċ ġust. L-appellant ressaq dan l-argument fil-qafas ta' proċeduri meħudin fil-konfront ta' ko-akkużat f'ġudizzju separat, li, minkejja li ma ammettiex l-akkużi (bħalma għamel l-appellant) u minkejja li l-fatti u ċ-ċirkostanzi kienu l-istess bħal tiegħu, ingħata piena eħfef;

**12.** Il-Qorti tinnota li l-appellant fl-ebda waqt ma jallega li l-piena li ngħata kienet tmur lil hinn mill-parametri maħsuba mil-liġi fil-każ tar-reati li tagħhom instab ħati. Eżami tad-dispożizzjonijiet relattivi applikabbli turi li, kieku argumenta mod ieħor, l-appellant kien ikun qiegħed jgħid ħażin, għaliex il-piena mogħtija taqa' sewwa f'dawk il-parametri;

**13.** Din il-Qorti tgħid minnufih li, meta tiġi biex tqis is-siwi ta' piena erogata minn Qorti tal-ewwel grad, tħares l-ewwenett jekk dik il-piena tkunx taqa' fil-parametri tal-liġi. Jekk dik il-piena ssib postha f'dawk il-parametri, ġeneralment din il-Qorti ma tibdilhiex, l-iżjed jekk id-diskrezzjoni wiesgħa mogħtija mil-liġi nfisha lill-ewwel Qorti tkun imfissra u motivata sewwa fis-sentenza appellata u sakemm ma jkunx hemm fatturi u ċirkostanzi li jiddettaw il-bidla f'dik il-piena;

**14.** Minbarra dan, fil-każ fejn persuna akkużata tkun ammettiet l-akkużi mressqin kontra tagħha, l-appell mill-piena ġeneralment mhux aċċettat, ladarba l-akkużat ikun assuma r-responsabbilta' tad-deċiżjoni li jkun ħa bl-ammissjoni tiegħu. Iżda lanqas ma huwa eskluż li qorti fi grad ta' appell tistħarreġ ilment li l-piena mogħtija wara ammissjoni bħal dik setgħet kienet waħda eċċessiva[1];

[1] App. Krim. Inf. **26.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Jonathan Attard***

**15.** L-appellant jargumenta wkoll li l-piena li ngħatatlu hija eċċessiva meta wieħed iqis li l-akkuża ewlenija kienet dik ta’ pussess ta’ raża meħuda mill-pjanta *cannabis*, u ma kien hemm l-ebda akkuża ta’ traffikar jew ta’ importazzjoni. Minbarra dan, l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti lanqas jidher li tat każ tal-fatt li huwa ammetta l-akkużi mressqin kontrih qabel ma nbeda l-ġuri, u li ma kellux opportunita` f’xi waqt qabel li jammetti dawk l-akkużi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, ladarba f’qorti bħal dik imputat ma jistax jirreġistra ammissjoni[2];

**16.** L-appellant Muscat qiegħed jgħid li l-ewwel Qorti “ikkastigatu” talli naqas li jammetti l-akkużi aktar qabel fil-proċess li kien qiegħed jittieħed kontrih. Jgħid li kien il-dritt tiegħu li jiddefendi ruħu u li lanqas jista’ jingħad li l-fatt li qajjem xi eċċezzjonijiet preliminari wara l-formulazzjoni tal-Att tal-Akkuża ma jistax jitqies bħala tentativ maħsub li jdewwem jew itawwal bla bżonn dak il-proċess. Din il-Qorti kemm-il darba seħqet li huwa jedd ta’ kull persuna akkużata b’reat li tikkontesta kif imiss l-akkużi magħmulin kontra tagħha u li tagħmel kulma huwa xieraq biex tressaq bl-aħjar mod id-difiża tagħha. B’mod partikolari, persuna akkużata b’reat jew reati li ma tammettix l-akkużi minnufih m’għandhiex, għal dak il-fatt waħdu, tkun kastigata għax naqset li tirreġistra ammissjoni[3];

**17.** Issa fil-każ li għandna quddiemna t-tqabbil li qiegħed jagħmel l-appellant bejn il-piena li ngħata u l-piena li ngħatat lil ħaddieħor huwa tqabbil fl-ambitu ta’ proċess li sar kontrih u kontra persuna oħra akkużata flimkien miegħu (għalkemm mhux għal kollox bħalu). Jiġifieri l-appellant jissottometti li t-trattament differenti seħħ fil-qafas tal-istess proċess, tal-istess ċirkostanzi u quddiem l-istess qorti presjeduta mill-istess ġudikant, bid-differenza li, minkejja li huwa ammetta l-akkużi u l-ko-akkużat baqa’

---

[2] Ghalkemm huwa minnu li quddiem il-Qorti Istruttorja ammissjoni ma setghetx tigi registrata fis-sens li fuq dik l-ammissjoni dik il-Qorti Inferjuri tkun tista’ tghaddi ghas-sentenza, xejn ma kien izomm lill-imputat milli, fl-interrogatorju fil-bidu tal-istruttorja, jirregistra tali ammissjoni – kif del resto gie li sar f’kazijiet fejn il-piena teccedi l-ghaxar snin prigunerija.

[3] ***Repubblika ta’ Malta vs Brain G Bartolo*** **(**14.12.2002**) u *Republic of Malta vs Perry I Toornstra et*** (12.6.2003) fost l-oħrajn

ma ammettix, hu xorta ngħata piena eħrex. Il-Qorti ssib li jeħtieġ li tikkwalifika din is-sottomissjoni bil-fatt li l-appellant – għall-kuntrarju tal-ko-akkużat l-ieħor – instab ħati ta' iżjed reati milli tagħhom instab ħati l-ko-akkużat l-ieħor. Jidhrilha wkoll li s-sentenza appellata ma bnietx il-kalibrazzjoni tal-piena mogħtija lill-appellant biss fuq il-kwestjoni dwar jekk l-appellant kienx messu ammetta aktar qabel l-akkużi dedotti kontrih jew għaliex naqas li jagħmel hekk. Ċertament li dak il-fatt ittieħed in konsiderazzjoni mill-ewwel Qorti u ngħatat dwaru motivazzjoni mfissra sewwa fis-sentenza appellata, imma daqstant ieħor jidher li saru konsiderazzjonijiet oħrajn pertinenti li, magħdudin ilkoll flimkien, ma jagħtux lil din il-Qorti x'taħseb li l-appellant ingħata trattament agħar għar-raġuni waħedha li ma ammettiex qabel;

**18.** Kif ingħad awtorevolment f'każijiet bħal dan, "*Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions*. *Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance'* (**Dickinson** [1977] *Crim LR 303*). *If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thys in* **Nooy** *(1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said: 'There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences'.*"[4] Għaldaqstant, kif inhu mgħallem band'oħra "*Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is*

[4] Blackstone's Criminal Practice (2001) §§ D22.47, paġ. 1650

*significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: 'would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice?'* (per Lawton L.J. in **R. v. Fawcett**, *5 Cr. App. R. (S.) 158 C.A.*). *... There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see* ***R. V. Wood***, 5 Cr. App. R.(S.) 381 C.A., ***Fawcett****, ante, and* ***Broadbridge****, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, as long as the test stated in* ***Fawcett*** *is satisfied*."[5];

**19.** Fit-tielet lok, l-appellant jgħid li l-piena li ngħatatlu hija manifestament inġusta meta wieħed iqabbilha mal-piena li ngħatat lill-persuna li kienet ko-akkużata miegħu. Jistqarr li l-persuna l-oħra nstabet ħatja biss ta' l-ewwel akkuża, imma dik kienet l-aktar akkuża gravi fost l-akkużi li kien mixli bihom. Huwa ma jqisx li l-ko-akkużat ingħata piena baxxa, imma li l-piena mogħtija lilu (jiġifieri lill-appellant) kienet qawwija żżejjed;

**20.** Meta din il-Qorti tiġbor il-prinċipji hawn fuq elenkati u tapplikahom għall-każ u, b'mod partikolari għall-fatti li joħorġu mill-atti proċesswali kollha, issib li ma tistax tilqa' dan l-aggravju kif impostat. Id-differenza waħedha bejn il-piena mogħtija lill-appellant u dik mogħtija sussegwentement lill-ko-akkużat ma twassalx lil din il-Qorti biex tqis li kien hemm tħaddim inikwu tal-proċess kriminali u, iżjed u iżjed, li seħħet xi applikazzjoni ħażina tal-liġi għall-każ tal-appellant;

---

[5] *Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice* (2003) §§ 5-174, paġ. 579

**21.** Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant m'huwiex qiegħed jintlaqa';

**22.** Bit-**tieni aggravju**, l-appellant ikompli jibni fuq dak illi semma fl-ewwel aggravju, iżda biż-żieda tas-sottomissjoni li l-mod kif l-ewwel Qorti stmat il-patteġġament magħmul bejnu u l-prosekuzzjoni jwassal biex il-partijiet kollha involuti fil-proċess kriminali jistgħu jibdew iqisu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 453A tal-Kodiċi Kriminali bħala "inutili, superfluwi jekk mhux addirittura żbaljati". L-appellanti jqis li wħud mir-rimarki magħmula mill-Qorti tal-ewwel grad fis-sentenza appellata jikkonsistu f'attakk kontra l-istess appellant, kontra l-prosekuzzjoni u wkoll kontra din il-Qorti. Jgħid li meta l-prosekuzzjoni u d-difensuri tiegħu ippatteġġaw il-piena u ressqu r-rikors flimkien quddiem l-ewwel Qorti, kienu għamlu eżerċizzju minuzzjuż huma wkoll ta' kalibrazzjoni bejn il-piena miftehma u l-gravita` tal-akkużi li hu kien sejjer jammetti;

**23.** Din il-Qorti tifhem li d-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-Kodiċi Kriminali biex jirregolaw il-prattika tal-patteġġament huma maħsuba biex idaħħlu ċerta trasparenza fil-proċess kriminali u biex, fejn hemm possibilita` li l-proċess ma jitwalx għal xejn, il-parti akkużata tkun f'qagħda li ma ġġarrabx żviluppi sorprendenti għaliha b'dik il-prattika[6]. Jibqa' dejjem mifhum, iżda, li l-patteġġament ma jorbotx lill-Qorti li tkun adita bis-smigħ tal-proċess, u l-liġi tagħti d-diskrezzjoni lil dik il-Qorti jekk għandhiex tilqa' t-talba li ssirilha a tenur ta' dak li jkun miftiehem bejn l-imputat u l-prosekuzzjoni;

**24.** Fil-każ li għandna quddiemna, l-ewwel Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha li ma toqgħodx fuq it-termini tal-patteġġament milħuq bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża u tat ir-raġunijiet tagħha għaliex dehrilha li kellha tieħu dik id-deċiżjoni. Dan sar bil-miftuħ fil-kors tas-smigħ tal-ġuri tal-appellant u fil-preżenza tiegħu. Kien degriet li wera li l-Qorti kienet qiegħda tqis li l-piena miftehma u patteġġata kienet waħda limitata żżejjed meta jitqiesu l-akkużi u l-fatti riżultanti mill-atti proċesswali. L-ewwel Qorti ma tatx

[6] App. Krim . Inf **6.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spett. A. Miruzzi) vs Mario Spagnol et***

indikazzjoni li l-piena patteġġata kienet għolja żżejjed. Huwa minnu li, fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti reġgħet issollevat il-kwestjoni tal-għażla tagħha li ma toqgħodx fuq il-piena patteġġata u li rabtet parti mill-fehma tagħha mal-kwestjoni jekk dak li ftiehmu l-partijiet kienx jissarraf f'piena li kienet taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Imma, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, ma jidhirx li din kienet ir-raġuni waħdanija jew ewlenija li wasslet lill-ewwel Qorti biex ma tilqax it-talba magħmula fir-rikors konġunt;

**25.** F'kull każ, ladarba d-deċiżjoni li t-talba patteġġata ma tintlaqax saret qabel ma l-appellant irreġistra l-ammissjoni tiegħu (u saħansitra s-smigħ tal-ġuri kien sospiż biex l-akkużat jikkonsulta mad-difensuri tiegħu dwar il-portata tad-degriet li kien għadu kif ingħata mill-ewwel Qorti fuq ir-rikors), l-għażla konsapevoli tal-appellant li, xorta waħda, jirreġistra l-ammissjoni tiegħu fid-dawl ta' dak id-digriet, kienet għażla li biha hu kien jaf li l-piena inflitta kienet sejra tkun ogħla minn dik patteġġata. Sa dak it-tant ukoll, lanqas kienet għadha ngħatat il-piena lill-ko-akkużat, li fil-każ tiegħu ma saret l-ebda ammissjoni. Fi kliem ieħor, meta l-każ tal-appellant jitqies fuq il-merti tiegħu, kollox jidher li fl-għażla tiegħu li jammetti l-akkużi mressqin kontrih kien hemm ukoll l-għarfien tal-konsegwenzi li minnhom illum jilmenta taħt dan l-aggravju. Dan ifisser ukoll li, għall-kuntrarju ta' dak minnu allegat dwar l-effikaċja u s-siwi tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 453A tal-Kap. 9 fl-ordinament ġuridiku tagħna (li, wara kollox, jikkristallizża prattika ġudizzjarja li kienet diffuża sa minn żmien qabel daħlet fis-seħħ dik id-didspożizzjoni u li, safejn huwa magħruf, għadha tintuża llum ukoll), ċ-ċaħda tal-patteġġament li saret mill-ewwel Qorti ma ikkompromettietx il-jeddijiet ta' smigħ xieraq tal-appellant b'mod irrimedjabbli u ma wasslitux biex ma jifdallux għażla oħra għajr li jammetti l-akkużi dedotti kontrih;

**26.** Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti m'hijiex qiegħda tilqa' lanqas it-tieni aggravju tal-appellant Muscat;

**27.** Fl-aħħarnett, l-appellant isejjes it-**tielet aggravju** fuq il-fatt li meta, fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti sabet li

l-Ewwel Kap tal-Akkuża għandu jkun assorbit fit-Tieni Kap ta' "pussess 'aggravat'" bi tħaddim tal-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, ma setgħet qatt tgħaddi biex tordna l-konfiska tal-ġid tiegħu ladarba r-reat ta' pussess ma jissemmiex fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 24A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ma seta' qatt jgħoddu għalih id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(3A)(ċ) u (d) li l-ewwel Qorti applikat biex ordnat dik il-konfiska;

**28.** Dan l-aggravju wkoll hu infondat. Meta l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata qalet *"Qieset ukoll ghall-fini tal-piena, li r-reat t'assocjazzjoni taht l-ewwel kap ta' l-Att ta' Akkuza ghandu jigi assorbit fir-reat ta' pussess, hekk imsejjah 'aggravat' taht it-tieni Kap tal-Att ta' Akkuza billi serva bhala mezz biex seta jigi kommess dan l-ahhar reat..."* hija kienet kjarament qed tinvoka l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali – in fatti s-sentenza tkompli hekk *"...u dan a tenur tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali."* Hawnhekk ghandna kaz ta' konkors materjali ta' reati u piena, u mhux kaz ta' konkors formali (jew ideologiku), fejn allura effettivament ikollok reat wiehed biss. Il-paragrafu (h) tal-artikolu 17 in kwistjoni jipprovdi hekk: *"meta zewg reati jew izjed, li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat sew semplici, ghandha tinghata l-piena <u>ghar-reat l-aktar gravi</u>."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Miz-zewg reati – dak ta' pussess 'aggravat' u dak ta' assocjazzjoni – l-aktar wiehed gravi minnhom – u l-'gravita`' titkejjel mill-piena – huwa dak ta' assocjazzjoni, u dan proprju ghax dan ir-reat ta' assocjazzjoni igorr mieghu il-piena tal-konfiska tal-beni li r-reat l-iehor ma jgorrx. Kienet, ghalhekk, perfettament korretta l-ewwel Qorti meta fis-sentenza taghha ordnat, *inter alia*, *"...il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli w immobbli ohra tal-hati"* fit-termini tal-paragrafi (a) u (d) tas-subartikolu (3A) tal-artikolu 22 tal-Kap. 101.

**29.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------